



Dokument ta' sessjoni

B8-0294/2016

18.2.2016

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura
dwar it-tisħiħ tal-miżuri ta' kompetizzjoni

Aldo Patriciello

Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-tisħiħ tal-miżuri ta' kompetizzjoni

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 101, 108 u 109 tat-TFUE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi r-regoli tal-UE fil-qasam tal-kompetizzjoni huma maħsuba biex jiggarantixxu kundizzjonijiet imparzjali u leali, bl-għan li jinħoloq ambjent favorevoli għall-innovazzjoni u titħeġġeġ l-espansjoni tal-intrapriżi ż-żgħar, anki permezz tal-iżvilupp ta' standards uniformi;
 - B. billi l-esportazzjonijiet tal-industrija tal-azzar Ċiniża qed jikbru b'rati għoljin; billi, għaldaqstant, il-prodotti jinbiegħu fis-swieq internazzjonali bi prezzijiet minimi, ferm inqas mill-kosti tal-produzzjoni tal-intrapriżi Ewropej;
 - C. billi l-produzzjoni żejda taċ-Ċina, li tinbiegħ bi prezz inqas mill-kost, tikkomprometti l-kompetizzjoni ħielsa u tnaqqar is-sehem tas-suq tal-Ewropa;
 - D. billi, minħabba d-dumping miċ-Ċina, id-defiċit kummerċjali tal-UE maċ-Ċina qed jikber, u bħalissa jammonta għal aktar minn EUR 180 biljun;
1. Jitlob għalhekk lill-Kummissjoni biex tistabilixxi mill-aktar fis possibbli leġislazzjoni iktar stretta sabiex jiġi miġġieled dan il-fenomeno, bl-għan li jiġi evitat li fil-futur intrapriżi oħrajn jirnexxihom iduru mal-miżuri ta' salvagwardja tal-kompetizzjoni.